Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 98/2007

**Kummissarju tat-Taxxi Interni (appellant)**

**Vs**

**Universal 2000 Ltd (C8725) (appellata)**

19 ta' Mejju, 2017.

1. L-appellant appella minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Marzu, 2016 li biha giet michuda talba tieghu sabiex jipprezenta twegiba ulterjuri li tghid li, ai termini tal-artikolu 60 tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-likwidazzjoni ta' taxxa hi finali. Il-qorti qalet li:

> *"…. Ladarba r-rikorrent intimat iddecieda illi jitlob il-hlas dovut permezz ta' ittra ufficjali taht l-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili allura huwa kien qed jissoggetta ruhu wkoll ghal dik il-procedura u ab initio kien qieghed jiddikjara li qed jagixxi skont u taht dik il-procedura. Dan tenut kont il-fatt ukoll illi huwa r-rikorrent u cioe' min jagixxi illi jaghzel liema procedura ghandu jiehu filwaqt illi l-intimat iressaq l-eccezzjonijiet u d-difiza tieghu skont it-talba kif proposta mir-rikorrent u taht dak ir-regim li jkun applikabbli skont l-istess talba.*
>
> *Illi l-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jaghti rimedju lill-intimat illi jikkontesta tali proceduri, kif sehh fil-kaz odjern, u kif fil-fatt ghamel l-intimat rikorrent. Jigifieri l-proceduri odjerni lanqas huma proceduri ad hoc izda huma wkoll proceduri li l-ligi tahseb ghalihom specifikatament taht l-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.*
>
> *Ghal dawn ir-ragunijiet, fil-procedura u fil-mertu, l-Qorti qeghda tichad it-talba kontenuta fir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tas-06 ta' Frar 2008, bl-ispejjez kontra tieghu".*

## 2. <u>Fatti.</u>

i. Fit-30 ta' Gunju, 2004 l-appellant hareg notifika ta' likwidazzjoni (fol. 5) kontra l-appellata ghas-somma ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800) fir-rigward ta' trasferiment ta' art f'Ghajnsielem, Ghawdex li sar fl-20 ta' Novembru, 2013.

ii. Fit-8 ta' Frar, 2007 l-appellant ipprezenta ittra ufficjali kontra l-appellata u ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 sejhilha thallas is-somma ta' Lm800.

iii. Fit-2 ta' Marzu, 2007 l-appellata ipprezentat ir-rikors *ai termini* tal-artikolu 466(2) tal-Kap. 12. L-ilment taghha hu li l-art kienet originarjament inxtrat mill-appellata u terz ghall-prezz ta' Lm50,000 b'kuntratt tal-10 ta' Ottubru 2002 pubblikat min-nutar Dr Paul George Pisani. Prezz li kien gie accettat mill-appellant. Sussegwentement b'kuntratt tal-20 ta' Novembru 2003 pubblikat mill-istess nutar, l-appellata akkwistat in-nofs indiviz ghall-prezz ta' Lm27,000, cjoe' zieda ta' Lm2,000 fuq il-prezz tal-ewwel kuntratt.

iv. Fis-6 ta' Frar, 2008 l-appellant ipprezenta rikors li bih talab l-awtorizazzjoni sabiex iressaq twegiba ulterjuri sabiex fis-sens li skont l-artikolu 60 tal-Att dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti, l-likwidazzjoni tat-taxxa hi finali ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi. Ghalhekk l-appellant qieghed isostni li l-ilment tal-appellata ma setax jigi mistharreg.

3. L-appellant appella. L-aggravji huma li:

i. L-ewwel qorti ma kellhiex tichad it-talba maghmula fir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tas-6 ta' Frar, 2008 izda tiddeciedi l-eccezzjoni fil-meritu.
ii. Il-Kap. 364 jipprovdi ghall-procedura kif persuna ghandha tikkontesta avviz ta' likwidazzjoni. Meta dik il-procedura ma tigix segwita, skont l-artikolu 60 tal-Kap. 364 il-likwidazzjoni ssir finali. Likwidazzjoni ta' taxxa m'ghandhiex tigi kontestata quddiem qorti.

4. L-appellata ma wegbitx.

5. Mill-atti jirrizulta li qabel id-decizjoni oggett ta' dan l-appell, kienet ghadha ma nghatatx decizjoni dwar it-talba maghmula bir-rikors tas-6 ta' Frar, 2008 u li bih l-appellant talab:

> *"Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzah jissottometti risposta ulterjuri f'dan is-sens".*

Hu minnu li fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2008 jinghad (fol. 34):

> *"Il-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' rikors tas-6 ta' Frar, 2008".*

Pero' d-decizjoni trid tkun fl-atti. Fil-kaz in ezami fl-atti m'hemmx il-provvediment li bih l-appellant gie awtorizzat jipprezenta eccezzjoni ulterjuri. Tant hu hekk li l-appellant qatt ma pprezenta tali twegiba. Pero' din il-qorti ma taqbilx mal-ewwel qorti li qalet:

*"Fuq dan il-punt ta' procedura biss, tali eccezzjoni preliminari ghandha tigi michuda".*

Jekk kif qalet l-ewwel qorti, *"... fil-process ma jirrizulta(x) illi fil-fatt il-Qorti kienet awtorizzat lir-rikorrent intimat sabiex iressaq tali eccezzjoni preliminari ulterjuri"*, dak il-fatt ma kellux iwassalha biex tghid li fuq dak il-punt ta' procedura biss, *"tali eccezzjoni preliminari ghandha tigi michuda"*. Il-fatt li l-appellant ma kienx gie awtorizzat iressaq l-eccezzjoni, kellu jwassal lill-qorti sabiex tiddeciedi fuq it-talba fir-rikors tas-6 ta' Frar, 2008 u mhux tghid li l-eccezzjoni preliminari kellha tigi michuda.

6. Il-procedura kontemplata fl-artikolu 466 tal-Kap. 12 hi ntiza sabiex il-Gvern jottjeni titolu ezekuttiv fil-konfront tal-persuna li kontriha jipprezenta ittra ufficjali. Ladarba l-ewwel qorti kkonkludiet li qatt m'awtorizzat lir-rikorrent sabiex iressaq l-eccezzjoni preliminari, ma kellhiex tiddeciedi l-eccezzjoni *per se*. Fir-realta' filwaqt li l-ewwel qorti fil-motivazzjoni kkunsidrat l-eccezzjoni ulterjuri, fil-parti dispozittiva tad-decizjoni qalet biss li qeghda tichad it-talba maghmula bir-rikors tas-6 ta' Frar, 2008. Talba li kienet limitata sabiex l-appellant jipprezenta twegiba ulterjuri u xejn iktar.

7. Fir-rigward tal-imsemmi rikors l-appellata kienet ipprezentat twegiba (fol. 31) fejn illimitat ruhha biex tikkontesta l-eccezzjoni *per se*.

8. L-artikolu 60 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364) jipprovdi li fejn ma tkunx saret oggezzjoni jew appell kontra likwidazzjoni bil-mod li tikkontempla l-ligi, il-likwidazzjoni ***"tkun finali u konkluziva ghall-finijiet kollha ta' dan l-Att"***. Fil-fehma tal-qorti l-eccezzjoni li ried jaghti l-appellant hi ta' ordni pubbliku meta tqies li hawn si tratta ta' kwistjoni relatata ma' hlas ta' taxxa.

**Ghal dawn il-motivi:**

i. **Thassar id-decizjoni li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-2 ta' Marzu, 2016.**
ii. **Tilqa' t-talba maghmula bir-rikors tas-6 ta' Frar, 2008 (fol. 27) u tawtorizza lill-appellant sabiex fi zmien ghoxrin (20) jum jipprezenta twegiba ulterjuri bil-mod li jinghad fl-imsemmi rikors.**
iii. **Tibghat l-atti lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tissokta bis-smiegh tal-kaz.**

**Spejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet**.

Anthony Ellul.